



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Ġunju 2022  
(OR. en, pl)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0421(NLE)**

---

---

9864/22  
ADD 1

SOC 360  
EMPL 241  
CLIMA 261  
ECOFIN 573

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika - Dikjarazzjonijiet mid-delegazzjoni Ungeriża u dik Pollakka

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dikjarazzjonijiet mid-delegazzjoni Ungeriża u dik Pollakka b'rabta mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq.

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA DWAR IR-RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL DWAR L-IŻGURAR TA' TRANŻIZZJONI ĠUSTA LEJN IN-NEWTRALITÀ KLIMATIKA**

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali.

Barra minn hekk, it-test tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika jirreferi għal diversi dokumenti li qabel l-Ungerija kienet ippreżentat dikjarazzjoni nazzjonali għalihom. L-Ungerija żżomm id-dikjarazzjonijiet nazzjonali kollha tagħha magħmula qabel.

**DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA DWAR IR-RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL DWAR L-IŻGURAR TA' TRANŻIZZJONI ĠUSTA LEJN IN-NEWTRALITÀ KLIMATIKA**

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minqaxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fis-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, fejn ir-rakkomandazzjoni tirreferi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-Polonja ser tinterpretaha bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Fl-istess ħin, il-Polonja tifhem il-formulazzjoni "ġeneru" bħala li tirreferi għal "sess", f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 157(2) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.